# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 29/2016 RM**

**Mario Farrugia u martu Rita Farrugia**

**Vs**

**Anthony Grima u martu Esther Grima**

**Illum, 17 ta' Jannar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-atturi fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Frar, 2016 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti konjugi Grima jhallsu s-somma ta' disat elef sitt mija w sitta w sebghin Euro (€9676) rapprezentati somma flus indebitament imhallsa minn terzi lill-konvenuti fis-snin 2014 u 2015 rigwardanti xoghol li sar mill-atturi bil-kowc numru LGY 935 fis-sena 2011, liema somma l-konvenuti baqghu ma raddewx lill-atturi minkejja illi gew debitament interpellati dwarha.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-protest gudizzjarju numru 547/14 datat 29 ta' Dicembru 2014, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment u bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta pprezentata mill-konvenuti Anthony Grima u Esther Grima fl-10 ta' Marzu, 2016 fejn eccepew:-

*1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet kif dedotti mill-atturi fil-konfront tal-konvenuti eccipjenti huma fic-cirkostanzi infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Konsegwentement ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-atturi;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess il-konvenuti jirrilevaw li l-kontenut tar-rikors promotur ma jaghmel ebda referenza ghal min effettivament huma t-terzi indikati minnhom meta jinghad '…indebitament imhallsa minn terzi lilkom konvenuti…' b'dan illi l-istess mankanza thalli lill-istess konvenuti biss jispekulaw dwar liema lanjanza qed jaghmlu referenza ghaliha l-atturi;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kemm-il darba l-lanjanza de quo si tratta ta' hlas li l-konvenuti rcevew mill-Malta Unscheduled Bus Service (U.B.S.), il-konvenuti jissottomettu li huma qatt ma kellhom relazzjoni guridika, lanqas ex contractu, mal-atturi f'dak li ghandu x'jaqsam ma' kwalsiasi drittijiet u pagamenti pendenti li l-U.B.S. ghamlet mal-konvenuti, u dan kif ser jigi ppruvat fi stadju ulterjuri. Konsegwentement, kull hlas li sar fil-konfront tal-konvenuti kien attwalment dovut lilhom;*

*4. Illi in oltre u minghajr pregudizzju una volta kwalsiasi hlas kien dovut lill-konvenuti, isegwi, fic-cirkostanzi, li l-eccipjenti ghandhom jigu mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju;*

*5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess stante li t-talbiet attrici kif effettivament dedotti si tratta ta' arrikkament indebitu ['…indebitament imhallsa <u>minn terzi</u> lilkom konvenuti…'], l-konvenuti jeccepixxu li fic-cirkostanzi l-kawza promossa mertu ghal din ir-risposta hija monka stante li ma jezistux l-estremi guridici, u cioe' hemm mankanti l-elementi kostituttivi tal-azzjoni proposta;*[1]

*6. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuti qeghdin ukoll jeccepixxu l-effetti ta' dak dispost fl-Artikolu 1028B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*7. Illi l-intimati jafu b'dawn il-fatti personalment;*

---

1 Vide Giorgina Buhagiar vs Jane Falzon u Angela Falzon [Cit. Nru.:441/2010], deciza 9 ta' Jannar 2013, Onor. Imhallef A. Ellul.

*8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mil-Ligi, u jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-konvenuti kontra l-istess.*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-STO il-Prim'Imhallef datat 16 ta' Lulju 2017;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet pprezentati mill-partijiet rispettivament;

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenza tat-28 ta' Novembru 2018;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**PROVI**

Fl-24 ta' Mejju, 2016 xehed l-attur **Mario Farrugia** li ddikjara li huwa jahdem bhala driver bil-coaches u ilu jahdem f'dan il-qasam mis-sena 2010 u qabel kien xufier tal-Linja. Iddikjara li huwa ghandu zewg coaches LCY 935 u l-ohra hija MPY 859. Spjega li kien hemm persuna li qallu li kellu coach f'idejh ghall-bejgh u ressqu mal-konvenuti Grima fejn ftehmu biex hu jixtri din il-coach cioe` LCY 935 tal-ghamla Leyland Plaxton. Fil-fatt kienu waslu biex ftehmu fuq il-prezz u dakinhar jew l-ghada ghamlu l-konvenju. Kien il-21 ta' Frar 2011. Ix-xhud esebixxa kopja ta' dan il-konvenju (Dok. CF) u qal li sussegwentement, fit-3 ta' Ottubru tas-sena 2011 sar il-bejgh permezz ta' kuntratt esebit bhala Dokument

CF1, redatt min-Nutar Dr Jonathan Zammit. Spjega illi skont il-konvenju Dok. CF, il-partijiet kienu ntrabtu illi sal-ahhar ta' Lulju kellu jsir il-kuntratt relattiv, izda ghalkemm huwa ghamel diversi appuntamenti man-Nutar, Grima dejjem hassar ghax ma kienx ikun jista' jigi. Fl-ahhar iffissaw appuntament ghad-data meta sar il-kuntratt finali. Sussegwentement wara li sar il-kuntratt, hu mar biex idawwar l-insurance fuq ismu u dan ghaliex il-licenzja ta' dan il-coach jaghlaq f'Dicembru. Meta daret l-insurance fuq ismu, talab biex imorru biex jaghmlu t-transfer u in effetti marru ghand tal-licenzji fejn hu ha id-dokumenti tieghu, filwaqt li Grima hadet il-log book.

L-attur esebixxa kopja tal-log book relattiv fejn jindika li dan il-coach jinsab registrat f'ismu (Dokument SF2). Spjega li pero' effettivament it-transfer ma sarx dakinhar li kienu marru, u dan minhabba xi problemi rigward ir-Regulation 25, u allura marru darb'ohra. Ezatt x'kienet il-problema ma jafx, pero' t-transfer sar f'okkazjoni ohra. Qal pero' illi l-coach ghadda lilu mal-konvenju.

Mitlub jispjega ghaliex fil-kuntratt hemm imnizzel li l-vendituri kienu ntrabtu li jivversaw lilu kull hlas li huma rcevew minghand il-koperattiva rigward xoghol li sar bl-istess coach mill-1 ta' Jannar 2011, l-attur qal li l-konvenuti kellu jtihom kemm kienu qed jitolbuh, pero' huma kellhom ituh dak li kien dovut lilhom mill-ewwel tas-sena sakemm jigi ffirmat il-kuntratt. Dwar dan kienu qablu. Kompla jghid li hu kien beda x-xoghol mal-konvenju fil-21 ta' Frar 2011. Mistoqsi kif jithallas ghax-xoghol li jaghmel b'dan il-coach, wiegeb li hu jithallas kull xahar mill-Koperattiva, li hija maghrufa bhala l-Koptaco. Apparti l-Koptaco hemm koperattiva ohra, ghaliex il-coach huwa membru fl-Unscheduled Bus Service. Din il-koperattiva (UBS) ghandha xi mija u erbghin coach membru fiha u minn sena ghal sena jitqassmu xi flus li jkunu dahlu minn persentagg ta' xoghol bil-coach li jkun ghadda minnha. Qal ukoll li l-Unscheduled Bus Service qassmet xi flus rigwardanti xoghol li sar fis-sena 2011 u l-konvenuti qed jghidu li dawn il-flus huma dovuti lilhom, izda hu jikkontendi li l-flus huma tieghu u dan ghaliex relatati mas-sena 2011 meta l-coach kien f'idu. Mistoqsi jekk talabx dawn il-flus lil Grima, l-attur ikkonferma li talabhomlu verbalment u dan kien qallu li ma kienx lest li jtihomlu. L-attur ghalhekk fisser li s-somma mitluba fir-rikors promotur tirrapprezenta proprju dawn il-flejjes li gew imqassma mill-Unscheduled Bus Service.

Fil-15 ta' Gunju, 2016 xehed **Antonio Muscat** ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' KoptaCo. Spjega li din hija koperattiva li fi hdanha ghandha membri li ghandhom vetturi li jaghtu servizz ta' trasport ta' passiggieri. Ix-xhud esebixxa dokumentazzjoni dwar hlasijiet li saru in konnessjoni mal-coach LCY 935 ghas-sena 2011, pero' spjega li ma kienx f'posizzjoni li jesebixxi d-dokumentazzjoni partikolari ghall-vettura in kwistjoni izda seta' biss jipprezenta d-dokumentazzjoni li tikkoncerna l-vetturi kollha ta' Mario Farrugia fosthom LCY 935.

L-istess **Antonio Muscat** rega' xehed fit-13 ta' Lulju 2016, fejn spjega li jokkupa l-kariga ta' General Manager mas-socjeta' KoptaCo u esebixxa Dokument AM rapprezentanti l-hlasijiet li saru in konnessjoni mal-coach LCY 935 ghas-sena 2011, mahrug f'isem Mario Farrugia. Ikkonferma li l-income tas-sena 2011 kien tlieta u erbghin elf u sitt mija wiehed u tmenin euro u sebgha u disghin centezmu (€43,681.97) u dan in konnessjoni max-xoghol li nhadem mill-Koperattiva bil-coach LCY 935. Spjega li bhala distribuzzjoni ta' profitti ta' kumpanija ohra fosthom UBS, il-profitti li rcieva Mario Farrugia fit-2011 m'humiex indikati fid-Dokument AM. Qal li l-procedura hija li l-Koperattiva Koptaco tircievi l-hlasijiet mill-UBS u jghadduhom lil dak li jkun, skont l-istruzzjonijiet li jigu mghotija lilhom mill-istess UBS.

Fil-15 ta' Gunju, 2016 xehed ukoll **Gilbert Grech** ghan-nom ta' UBS - Unscheduled Bus Service – fejn spjega illi l-UBS huwa ffurmat mill-Bord u l-procedura hija li jidhol xoghol ta' transport fl-ufficcju u dan jitqassam bejn il-membri, cioe` s-sidien ta' coaches. Esebixxa dokumentazzjoni relatata mal-hlasijiet li saru in konnessjoni mal-coach LCY 935 matul is-sena 2011 (Dokument LCY u LCY1). Ikkonferma illi fis-sena 2011 Grima thallas l-ammont ta' disat elef sitt mija sitta u sebghin Euro komplessivament (€9676), liema ammont jirrapprezenta *surplus* tas-sena 2011 fuq 142 coaches u ghalhekk kull coach ghandha dan l-istess ammont. Il-coach LCY 935 huwa wiehed minn dawn il-142 coaches. Spjega li l-pagamenti saru fl-2015 minkejja li jirrapprezentaw qliegh li sar fl-2011.

Rat illi fit-30 ta' Novembru, 2016 l-atturi pprezentaw nota li permezz taghha gie esebit kopja legali tal-Protest Gudizzjarju bin-numru 547/14 ipprezentat fid-29 ta' Dicembru 2014.

Illi fil-15 ta' Marzu 2017, xehdet il-konvenuta **Esther Grima**, li qalet li l-kumpanija taghha u ta' zewgha l-konvenut Anthony Grima jisimha Ventura Operators Limited, li tiggestixxi negozju in konnessjoni ma' trasport bil-coaches u fis-sena 2011 bieghet ix-xarabank taghhom lill-attur Mario Farrugia. Spjegat li mill-qliegh li jaghmlu, il-UBS tohrog certu commisssion u li fis-sena 2011, it-trakk LCY 935 kien ghadu jghajjat lilha. Fir-rigward il-commissions, hi sostniet li dawn ma kienux jithallsu direttament lill-individwi izda kienu jmorru go pool peress li hi format parti mill-KoptaCo.

Qalet li KoptaCo hija Koperattiva tal-Coaches waqt li l-UBS tkopri x-xarabanks kollha ta' Malta u li permezz tal-kowc LCY-935, huma jifformaw parti mill-Koperattiva tal-KoptaCo u ma jistghux jircievu l-commissions diretti mill-UBS ghax il-UBS taghti l-commissions kollha tal-membri tal-KoptaCo, lill-istess KoptaCo. Hi sostniet li sussegwentement il-KoptaCo ma riditx tohodha fuqha li l-flus jitqassmu, la lilhom u lanqas lill-atturi u ghalhekk regghet baghtet il-flejjes lura lill-UBS.

Qalet li il-UBS hadet decizjoni li peress li t-trakk kien jghajjat lilha dak iz-zmien, allura il-flus kellhom jghajtu lilha wkoll. Il-UBS kien ghamel ftehim f'dak is-sens li dawk il-flejjes kellhom jinghataw lilha, liema ftehim gie ffirmat minn Dr Hyzler (Dokument KP). Sostniet li sa Ottubru 2011 ix-xarabank, il-coach LCY 935 kien ghadu registrat f'isimha. Il-konvenju li effettivament kien sar bejnha u bejn l-atturi gie ffirmat fil-21 ta' Frar, 2011.

Hi spjegat li dan il-konvenju gie mgedded u effettivament it-transfer fuq dan il-coach kien sar fit-2 ta' Ottubru, 2011. Qalet illi ciononostante fis-sena 2011 xorta Mario Farrugia kien ghamel uzu minn dan il-coach minkejja li ma kienx registrat fuqu. Spjegat li dan peress li l-intendiment kien illi l-coach kellu jigi trasferit f'isem l-attur f'Marzu u allura hasbu li peress li kien ha juzah biss ghal xahrejn, seta' jiehu l-coach minn dakinhar. Fir-rigward il-flus mill-UBS tikkonferma li rceviethom hi.

B'referenza ghal Dokument CFI a fol 16 u 17, b'mod partikolari fejn il-konvenuti kienu ntrabtu li jivversaw lill-kompraturi cioe` lil Mario Farrugia kull hlas li huma setghu jircievu minghand il-Koperattiva relattiva max-xoghol li sar mill-imsemmi coach, u dawk fis-sena 2011, il-konvenuta spjegat li hi u zewgha riedu jfissru illi x-xoghol li l-attur kien se jiehu direttament mill-KoptaCo kellu jithallas tieghu direttament. Tax-xoghol li l-attur ghamel tul is-sena 2011, hi sostniet li sa fejn taf hi, huwa thallas tal-KoptaCo izda l-flejjes dovuti lilhom mill-UBS ma kellhomx x'jaqsmu mal-flejjes li huma jithallsu mill-Koperattiva KoptaCo.

Fir-rigward id-Dokument LCY1 a fol 26, il-konvenuta ddikjarat li kienet qed tircievi somma flus minghand il-UBS rigward xoghol in konnessjoni mas-sena 2011, u illi Dokument KP jirreferi ghall-istess tip ta' hlasijiet lilha mill-UBS. L-ewwel darba li hi rceviet is-somma ta' sitt elef u sitt mija u sitta u sebghin euro (€6,676) u t-tieni darba li kienet irceviet is-somma ta' tlett elef euro (€3,000) skont kif jidher fid-Dokument KP. Qalet li l-flejjes li tircievi mill-UBS mhumiex imsemmija fil-kuntratt li ghamlet mal-attur u ghalhekk ix-shares li ghandha mal-UBS u l-commissions minn ghandhom hi ghandha tibqa tircivihom. Spjegat li kull ma tat lill-attur huwa biss dak li kien dovut lilha mill-KoptaCo in konnessjoni max-xarabank li hi bieghat lilu. Qalet li hi ghandha coach iehor u ghalhekk ix-shares li ghandha fil-UBS huma issa konnessi mal-coach l-iehor li ghandha u li jgib in-numru VPY 873.

In kontro ezami l-istess konvenuta **Esther Grima** spjegat li l-UBS jghaddi x-xoghol lill-KoptaCo u l-KoptaCo mbaghad tqassmu mal-membri taghha u ghalhekk in segwitu tqassmu mal-coaches ghax il-membri taghha huma l-coaches. Qalet li l-UBS tghaddi l-pagament taghha lill-KoptaCo u l-KoptaCo thallas lill-membri taghha. Kompliet billi spjegat li l-UBS ma tqabbadx lilhom b'mod dirett izda tqabbad lill-KoptaCo u hija l-KoptaCo li ghandha relazzjoni maghhom u tqabbad u taghti x-xoghol lilhom. Qalet ukoll li l-UBS ma tistax tqabbad lin-nies individwali u filwaqt li huwa minnu li l-vettura li huma bieghu lill-attur hija registrata wkoll mal-UBS, il-coach l-iehor li ghandha, wkoll huwa membru tal-UBS.

Spjegat li fil-fehma taghha x-share li hi ghandha fuq il-coach l-iehor li effettivament ix-share li kellha mal-UBS fuq dak il-coach LCY 935 dawwritu fuq il-coach l-iehor taghha ghax meta ghamlet il-ftehim ma' Mario Farrugia hi

m'ghamlet l-ebda referenza ghall-commissions dovuti lilha mill-UBS. Qalet li effettivament l-attur ghandu jithallas tax-xoghol li huwa jaghmel mal-KoptaCo in relazzjoni ma' uzu tal-coach LCY 935, izda d-dividends jew shares jew commissions li jitqassmu mill-UBS fil-fehma taghha l-attur mhux intitolat ghalihom ghaliex fil-ftehim privat taghhom li hi ghamlet mieghu, hi m'ghamlet l-ebda referenza ghad-dividends.

Spjegat li huwa minnu li l-KoptaCo tqassam ix-xoghol taghha kemm dik li tigi moghtija mill-UBS kif ukoll xoghol iehor li tinghata lilha minn kumpaniji ohrajn u din tqassmu fost il-membri taghha. Kompliet li l-UBS tara kemm tkun tat xoghol lill-KoptaCo u tghaddilha l-kummissjonijiet taghha dejjem lill-KoptaCo li umbaghad huwa decizjoni tal-KoptaCo kif tiddividi dawk il-flejjes fost il-membri taghha. Taqbel li x-xoghol li sar matul is-sena 2011 in konnessjoni ma' dan il-coach LCY 935 sar mill-attur. Qalet li l-flus li ghaddiet il-UBS lill-KoptaCo ghas-sena 2011 kien in konnessjoni max-xoghol li ghamel Mario Farrugia. Fil-ftehim li ghamlet ma' Mario Farrugia m'ghamlet l-ebda referenza ghal dawk ix-shares u ghalhekk temmen li dawk ix-shares ghadhom jghajtu lilha. Spjegat li dawk ix-shares huma profitti li tkun ghamlet il-UBS fl-ahhar tas-sena dwar ix-xoghol li tkun ghaddiet lill-KoptaCo liema flejjes effettivament jigu mghoddija lill KoptaCo biex jigu mghoddija lill-klijenti memberi taghha.

Fil-15 ta Marzu, 2017 xehed **Gilbert Grech** li jahdem bhala *office manager* mal-Unscheduled Bus Service (UBS). Meta gie mistoqsi sabiex jispjega r-relazzjoni bejn il-UBS u l-KoptaCo, qal illi l-KoptaCo ghandha tmienja u tletin membru fil-UBS u li l-membru huwa l-coach. Qal ukoll li l-UBS ghandha mija u tnejn u erbghin membru b'kollox. Fir-rigward il-konvenuti Anthony u Esther Grima, ix-xhud spjega li huma membri tal-UBS bil-coaches taghhom fosthom LCY 935, kif ukoll li huma membri tal-KoptaCo. Ghamel ukoll referenza ghall-ftehim Dokument KP iffirmat fid-29 ta' Jannar 2015 u kkonferma li hu kien xhud tal-firem fuq dak il-ftehim izda ma jafx il-kontenut ta' dan il-ftehim. Ix-xhud spjega illi wara li jsiru l-accounts, il-profitti li jsiru fil-UBS jinqasmu bejn il-membri tal-UBS stess. Sostna wkoll illi l-profitti li jinqasmu fl-ahhar tas-sena ma jirrispekkjawx ix-xoghol li jkun ghamel kull coach b'mod partikolari izda jitqassmu b'mod ugwali bejn il-membri taghha.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu kkonkludew ta' skrittura privata datata 21 ta' Frar 2011[2] li permezz tieghu il-konvenuti weghdu li jbieghu lill-atturi l-coach bin-numru ta' registrazzjoni LCY-935. Ghalkemm il-partijiet ftiehmu[3] li l-att finali tal-bejgh kellu jigi finalizzat mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2011 jirrizulta li l-proprjeta` tal-vettura giet akkwistata mill-atturi fit-3 ta' Ottubru 2011 bis-sahha ta' skrittura bl-istess data[4]. Il-vertenza odjerna hija ppernjata kollha kemm hi fuq dak pattwit bejn il-partijiet fil-klawsola numru 6 tal-iskrittura Dok. CF riprodotta *verbatim* fl-iskrittura tat-3 ta' Ottubru 2011 bhala wahda mill-kundizzjonijiet tal-bejgh tal-coach lill-atturi:-

"*Il-vendituri jintrabtu li jivversaw lill-kumpraturi kull hlas li l-istess vendituri jircievu minghand il-koperattiva relattiva rigward xoghol li sar bl-imsemmija coach mill-ewwel ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (1.1.2011).*"

Bl-azzjoni odjerna, l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tal-ammonti percepiti mill-konvenuti minghand terzi rigward xoghol li sar mill-istess atturi fis-sena 2011 bil-coach LCY-935 mibjugh lilhom. Mill-provi jirrizulta inkontestat illi l-konvenuti rcevew hlasijiet minghand l-Unscheduled Bus Service (minn hawn 'il quddiem imsejha "UBS") fis-somma komplessiva ta' disat elef sitt mija u sitta u sebghin Euro (€9,676)[5] in linea ta' qligh mhux imqassam ghas-sena 2011 relattivament ghall-coach bin-numru LCY-935, u fid-depozizzjoni tieghu l-attur Mario Farrugia fisser li l-hlas minnu pretiz f'din il-kawza huwa appuntu tal-ammonti percepiti mill-konvenuti minghand il-UBS ghas-sena 2011. B'hekk hija sorvolata t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

---

[2] Dok. CF a fol.13.

[3] Klawsola 5 tal-iskrittura Dok. CF.

[4] Dok. CF1 a fol. 16.

[5] Dawn il-hlasijiet saru fit-30 ta' Jannar 2015 u fit-18 ta' Gunju 2015 - vide Dok. LCY u LCY1 a fol. 26 u 27.

Il-Qorti tqis li ghandha tosserva wkoll li jirrizulta inkontestat mill-atti li fis-sena 2011 kien l-attur Mario Farrugia u mhux il-konvenuti, li kien qed jaghmel uzu u jahdem bil-coach LCY-935, u dan ghaliex il-pussess tal-coach ghadda f'idejn l-istess attur bis-sahha tal-ftehim Dok. CF, li bih huwa kien awtorizzat mill-konvenuti li jaghmel uzu mill-coach b'effett immedjat[6]. F'kull kaz, jirrizulta wkoll mill-ftehim konkluz bejn il-partijiet illi l-konvenuti intrabtu li jghaddu lill-atturi l-hlasijiet li jircievu anke rigward xoghol li jkun sar minnhom bil-coach in kwistjoni <u>qabel</u> dan ghadda fil-pussess tal-atturi fil-21 ta' Frar 2011, ossia mill-1 ta' Jannar 2011 'il quddiem. Fuq kollox, m'huwiex kontestat u fit-trattazzjoni orali d-difensuri taz-zewg partijiet qablu, illi l-hlas dovut lill-coach LCY-935 mill-kooperattiva KoptaCo., kien diga` beda jsir direttament lill-atturi ossia kompraturi, qabel gie konkluz il-bejgh fit-3 ta' Ottubru 2011.

Ikkunsidrat;

Konformament mal-premess, il-Qorti ma tistax ma tosservax li t-tielet eccezzjoni u r-raba' eccezzjoni tal-konvenuti fir-Risposta taghhom (limitatament in kwantu jeccepixxu li ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju), m'humiex tajbin ghaliex kuntrarjament ghal dak eccepit, ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet hija evidenti u tinsab fl-obbligu kontrattwali tal-konvenuti naxxenti mill-klawsola numru sitta (6) tal-iskrittura tat-3 ta' Ottubru 2011 li jhallsu lill-atturi kull ammont percepit minnhom ghal xoghol li jkun sar bil-coach in kwistjoni mill-1 ta' Jannar 2011 'il quddiem. Billi mill-provi jirrizulta li l-coach in kwistjoni huwa registrat ma', u jinghata xoghol minn, iktar minn koperattiva wahda, it-tezi tal-konvenuti li l-hlasijiet dovuti mill-UBS m'humiex inkluzi fit-tifsira ta' din il-klawsola ma jista' jnaqqas xejn mir-relazzjoni guridika kontrattwali li evidentement tezisti bejn il-partijiet.

Din il-konkluzjoni tislet necessarjament il-konsiderazzjoni ulterjuri illi, kuntrarjament ghal dak eccepit mill-konvenuti fil-hames u s-sitt eccezzjoni

[6] Vide wkoll xhieda ta' Esther Grima fil-15 ta' Marzu 2017.

taghhom, l-azzjoni esperita mill-atturi kjarament m'hijiex azzjoni *de in rem verso* a tenur tal-Artikolu 1028 *et seq.* tal-Kodici Civili. Huwa pacifiku in materja tal-quasi kuntratt illi l-azzjoni *de in rem verso* hi disponibbli biss *in subsiduum* fejn l-attur m'ghandux mezz iehor biex jirrimedja ghat-telf li jkun garrab u s'intendi m'hemmx azzjoni *ex contractu*. Illi jsegwi ghalhekk li galadarba u sakemm l-attur ghandu azzjoni *ex contractu* kontra l-pretiz debitur, ma tikkompetix lilu l-azzjoni *de in rem verso*[7].

Fil-kawza ***Zammit vs Farrugia*** deciza fl-10 ta' Dicembru 1955[8], il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, ikkonfermat li qabel tigi proposta l-*actio de in rem verso* l-attur irid fl-ewwel lok:-

*"....jezawrixxi d-drittijiet tieghu derivanti mill-kuntratt jew kwazi-kuntratt; u jekk jirrizulta li jkun esperihom inutilment, allura jkun il-kaz li wiehed jikkunsidra jekk hemmx jew le lok ghall-azzjoni de in rem verso. Sakemm dawn ir-rimedji ma jkunx gew ezawriti mill-kreditur ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, l-azzjoni utili ssir intempestiva."*

Ferm il-premess, il-Qorti ma ghandha ebda diffikolta` biex tqis l-imsemmija eccezzjonijiet tal-konvenuti bhala manifestament bla siwi, ghaliex huwa evidenti li l-azzjoni odjerna hija msejsa fuq l-obbligi li skont l-atturi huma naxxenti mir-relazzjoni kontrattwali bejn il-kontendenti minhabba l-bejgh tal-coach LCY-935, kif del resto stipolati fl-iskrittura tat-3 ta' Ottubru 2011. Barra minn hekk u kuntrarjament ghal dak li jsostnu l-konvenut, minn imkien fir-Rikors promotur jinghata x'jifhem li l-azzjoni esperita mill-atturi hija l-azzjoni sussidjarja *de in rem verso,* u dan irrispettivament mill-uzu fl-istess Rikors promotur tal-kelma "*indebitament*" biex tiddeskrivi l-hlas li sar lill-konvenuti liema hlas qed jigi pretiz li huwa dovut lill-atturi bis-sahha tal-ftehim tal-bejgh tal-coach in kwistjoni. Il-Qorti tifhem li l-atturi jippretendu li l-hlas reklamat minnhom f'din il-kawza, saret

---

[7] **Rocco Bugeja vs George Micallef**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Marzu 1950. Vol.XXIV.i.784.

[8] Vol. XXXIX.ii.593, per Imhallef A. Magri.

indebitament lill-konvenuti minhabba li skont il-ftehim tal-bejgh, dan kellu jigi mghoddi lilhom a tenur tal-istess ftehim ta' bejgh.

F'kull kaz pero`, il-Qorti ma tistax ma tqisx id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu tal-Kapitolu 12, li bis-sahha tieghu din il-Qorti bhala Qorti tal-Magistrati (Malta) hija munita bis-setgha li tiddeciedi fuq jedd iehor li jigi ppruvat fil-kawza, anke jekk ma tigix ippruvata t-talba kif specifikatament imfissra fir-rikors ghall-hlas "*indebitament maghmul minn terzi lill-konvenuti*" fir-rigward ta' xoghol maghmul mill-coach LCY-935 ghas-sena 2011. Tabilhaqq il-Qorti tista' tiddeciedi fuq il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ippruvat, anke jekk dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali. Ghaldaqstant, il-Qorti ma ghandha ebda rizerva biex fil-kaz odjern taggudika dwar it-talba tal-atturi ghall-hlas allegatament dovut lilhom skont obbligi naxxenti mill-ftehim tal-bejgh tal-coach in kwistjoni, anke jekk din jirrizulta li tinsab imsejsa fuq jedd differenti minn dak pretiz fir-Rikors promotur.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-hames u s-sitt eccezzjoni tal-konvenuti mhux tajbin u qed jigu michuda.

Ikkunsidrat;

Kif diga` nghad, din il-vertenza tippernja esklussivament fuq it-tifsira tal-patt konvenzjonali fil-klawsola numru 6 tal-iskrittura tal-bejgh tal-coach LCY-935, dwar l-obbligu tal-konvenuti li jghaddu lill-atturi l-hlasijiet li jircievu minghand il-koperattiva ghal xoghol li jkun sar bil-coach wara l-1 ta' Jannar 2011. Il-partijiet jaghtu interpretazzjonijiet kunfliggjenti tal-istipulazzjoni maghmula fil-ftehim ta' bejgh fil-parti tal-klawsola numru sitta (6) ghal dak li jirrigwarda d-dritt ghall-hlasijiet dovuti fuq il-coach LCY-935 mibjugh lill-atturi, u l-pretensjoni tal-atturi f'din il-kawza hija mibnija kollha kemm hi fuq interpretazzjoni mahsuba biex tinkludi fit-tifsira tal-kelma "koperattiva" ukoll il-UBS.

Effettivament, l-atturi jsostnu li l-konvenuti ntrabtu li jghaddulu l-hlas ta' kull ammont li jircievu minghand koperattivi ghal xoghol li jsir bil-coach LCY-935 mill-1 ta' Jannar 2011 'l hemm, inkluz minghand il-UBS, filwaqt illi l-konvenuti jsostnu li l-hlasijiet li jircievu minghand il-UBS in kwantu l-coach LCY-935 mibjugh lill-atturi mhux kolpiti mill-imsemmi obbligu kontrattwali assunt favur l-istess atturi ghaliex l-obbligu taghhom li jhallsu lill-atturi jiskatta biss fir-rigward tal-hlasijiet li huma jircievu minghand il-Kopta.Co ghax-xoghol li jkun sar bil-coach in kwistjoni.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti jsostnu li t-terminu "koperattiva" ghandha tinftiehem li tirreferi <u>biss</u> ghall-KoptaCo ghaliex hija appuntu din l-ghaqda li hija maghrufa mas-sidien tal-coaches bhala "l-koperattiva". Din it-tezi, skont huma, hija msahha bil-fatt li l-kelma UBS ma tissemma mkien fl-iskritturi konkluzi bejn il-kontendenti. Il-konvenut Anthony Grima ifisser espressament fix-xhieda tieghu[9] li l-koperattiva msemmija fil-klawsola in kwistjoni tirreferi biss ghall-Kopta Co., u mhux ghall-UBS u dan ghaliex il-USB mhemmx referenza espressa ghaliha fil-ftehim. Hu jghid hekk fir-rigward:-

"*... jien ghalija fhimt li bieghejt it-trakk bla share tal-UBS.*"

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi, senjatament mix-xhieda ta' Antonio Muscat[10] u ta' Gilbert Grech[11], jirrizulta illi l-membri kemm tal-KoptaCo kif ukoll tal-UBS huma sidien ta' vetturi li jaghtu servizz ta' transport ta' passiggieri, u ghalkemm dawn huma ghaqdiet distinti, ghandhom ukoll membri komuni. Il-Qorti fehmet ukoll mill-istess xhieda, illi in kwantu dawn il-membri komuni bejn iz-zewg entitajiet, il-koperattiva Kopta

[9] 13 ta' Settembru 2017.
[10] Rapprezentant tal-Kopta Co. Limited: xhieda 15 ta' Gunju 2016 u 13 ta' Lulju 2016.
[11] 15 ta' Gunju 2016.

Co tircievi minghand il-UBS il-hlasijiet tal-qligh dovut lill-istess membri, bi struzzjonijiet minghand l-UBS kif ghandhom isiru l-hlasijiet relattivi. Din is-sistema giet imfissra mix-xhud Gilbert Grech li spjega illi l-profitti tal-UBS ghal kull sena jitqassmu bejn il-membri b'mod ugwali, u mhux proporzjonalment, ghax-xoghol li jkun ghamel kull coach b'mod individwali.

Issa kif diga` stabbilit, filwaqt li l-coach LCY-935 ghaddiet fil-pussess tal-atturi fi Frar 2011, il-partijiet ftiehmu li l-atturi ghandhom dritt jircievu minghand il-konvenuti l-hlasijiet li jsiru ghal xoghol li jkun sar bl-istess coach <u>sa mill-1 ta' Jannar 2011</u>. Dwar dan m'hemmx ekwivoku u l-partijiet jaqblu. Ghalkemm jaqblu wkoll li l-qligh dovut mill-Kopta Co. huwa dovut u percepibbli mill-atturi sa mill-imsemmija data 'l quddiem, m'hemmx qbil dwar jekk dan id-dritt jestendi wkoll ghall-hlasijiet dovuti mill-UBS.

Ikkunsidrat;

Illi l-principji generali li jirregolaw l-interpretazzjoni tal-kuntratti jinsabu fid-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 1003 sa 1009 tal-Kodici Civili. F'sentenza tad-29 Novembru 2001 fl-ismijiet ***General Cleaners Co. Ltd. vs Accountant General et***, citata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell f'sentenza recenti[12], gie ritenut hekk:-

*"Jibda biex jinghad illi bhala principju generali, l-ligi u senjatament l-artikolu 1002 tal-Kodici Civili jghid illi "Meta l-kliem ta` konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni". Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta` Ottubru, 1998 - "Gloria mart Jonathan Beacom*

[12] MAC Properties Limited vs Madliena Village Limited, deciza 27 ta' Ottubru 2017.

*et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"). Tkompli tghid din is-sentenza ta` l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell: "Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta` att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b`mod ambigwu" (Vol. XXXIV, P. III., p. 746). Jintqal inoltre illi "Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f`kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet" (Vol.XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza "Beacom vs Spiteri Staines" - ibid; "Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" - P.A. RCP. 12 ta` Lulju 2001; "Anton Spiteri vs Alfred Borg" - P.A. RCP. 30 ta` Novembru 2000; "Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" - P.A. RCP 30 t`Ottubru 2001).*

…

*Jirrizulta, u din hi anke r-ratio tal-ligi, (art. 1004 tal-Kodici Civili) illi l-interpretazzjoni li trid tinghata, meta klawsola tista` tfisser haga w ohra, din ghandha tinftiehem dik il-haga li biha jista` jkun hemm xi effetti milli dik il-haga li biha ma seta` jkun hemm ebda effett. Disposizzjoni li tirrifletti l-principju "in dubiis interpretatio capienda est, ut dispositio potius valeat quam pereat".* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Fl-istess vena huwa dak rapportat fis-sentenza fl-ismijiet ***Carmelo Morana vs Nutar Dr Joseph Spiteri et*** tas-26 ta' Mejju 1952[13], fejn il-Qorti ta' l-Appell, b'referenza ghar-regola *'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur',* fissret il-principji li jirregolaw din il-materja, fejn wiehed isib fost ohrajn il-principju illi:-

*"1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizzluh f'dik l-iskrittura. … … …*

[13] Volum: XXXVI.i.119.

*"2. Ghalkemm huwa veru li provi orali jistghu jigu ammessi biex jigu elucidati punti oskuri ta' kitba, jew f'kazi ta' mpunjazzjoni ta' dik il-kitba, izda l-provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga' car (Appell 26 ta' Mejju 1941, in re "Attard vs Mamo", Kollez. Vol. XXXI.i.441);*
*… … …*
*"4. Il-principju 'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur' jibqa' jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm zball fil-kuntratt, jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali: F'dawn il-kazijiet il-principji bazati fuq il-gustizzja u l-ekwita' ghandhom ikunu supremi (Appell 15 ta' Dicembru 1947 in re "Mercieca vs Pace", Kollez. Vol. XXXIII.i.603);"*

Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-kaz ftit hemm skop ghal interpretazzjoni tal-kliem tal-istipulazzjoni in kontestazzjoni. Ghalkemm il-UBS hija entita` differenti u separata mill-KoptaCo., jidher li dawn iz-zewg ghaqdiet huma entrambi koperattivi bejn is-sidien tal-coaches li jinghaqdu flimkien biex iwettqu skop u funzjoni analoga, ossia li jqassmu bejniethom ix-xoghol ta' trasport ta' passiggieri u d-dhul generat minn dan ix-xoghol. Infatti kif rajna, iz-zewg ghaqdiet ghandhom membri in komun bejniethom u in effetti, il-coach LCY-935 jinsab registrat bhala membru kemm mal-Kopta Co kif ukoll mal-UBS. <u>Fuq kollox izda, ma jidhrix li huwa kontestat mill-konvenuti li l-UBS, bhall-KoptaCo, ukoll hija koperattiva bejn is-sidien tal-coaches</u>.

Huwa sinjifikanti wkoll il-fatt illi ebda wahda miz-zewg ghaqdiet ma hija msemmija b'isimha proprju fiz-zewg skritturi li gew konkluzi bejn il-partijiet fir-rigward tal-bejgh tal-coach in kwistjoni, u billi l-UBS hija wkoll fin-natura ta' kooperattiva bejn is-sidien tal-coaches, il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha hija stess taghmel din id-distinzjoni bejn iz-zewg koperattivi li lanqas ma saret mill-partijiet. Il-Qorti tifhem li t-terminu "koperattiva" fil-klawsola numru sitta (6) tal-ftehim konkluz bejn il-partijiet, jirreferi ghal kwalsiasi ghadqa li maghha l-vettura LCY-935 tinsab registrata bhala membru u mhux mhuwiex limitat ghall-kooperattiva KoptaCo kif jippretendu l-konvenuti. Dan ukoll ghaliex lanqas il-

kontraenti nfushom gharfu li jaghmlu distinzjoni bejn iz-zewg ghaqdiet ghall-finijiet tad-dritt ta' hlas kontemplat fl-imsemmija klawsola.

Illi kif jirrizulta ulterjorment mix-xhieda ta' Antonio Muscat[14], il-hlas tal-qligh dovut lill-membri tal-UBS li jkunu wkoll membri fil-Kopta Co, ma jsirx direttament mill-UBS izda tramite u mill-Kopta Co ghan-nom tal-UBS. Ghall-Qorti dan ifisser li fil-prattika, il-hlas dovut mill-UBS jidhol b'mod generali fl-iskop tal-kliem "*hlasijiet mill-koperattiva relattiva*" kif imfisser fil-klawsola in kontestazzjoni. Il-Qorti tistenna li kieku l-intendiment tal-partijiet kontraenti kien dak imfisser mill-konvenuti, kienet issir distinzjoni bejn iz-zewg ghaqdiet, talanqas ghall-finijiet tad-dritt ghall-hlas tal-qligh dovut fuq il-coach mibjugh lill-attur, biex il-hlas dovut mill-UBS jigi esklus mill-iskop tad-dritt in kwistjoni moghti lill-attur. Izda din l-eskluzjoni ma saritx u ma jispettax ghalhekk lill-qorti li taghmilha. Kienet tkun differenti l-pozizzjoni kieku l-KoptaCo issemmiet b'isimha minflok ma ssemmiet id-denominazzjoni generali tal-"koperattiva".

Ikkunsidrat;

F'sentenza tal-14 January 2002 fl-ismijiet ***Nazzareno Vella noe et vs Joseph Abela noe et***, il-Qorti tal-Appell irriteniet in materja illi:-

"*Meta l-kliem ta' l-att huma cari l-interpretu ghandu joqghod ghal dan il-kliem u mhux jirrikorri ghall-kongetturi ... Pero' fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom moghti li jiswa imma hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti l-kliem is-sens ordinarju tieghu, fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti, li ghandu joqghod.*" [enfasi ta' din il-Qorti]

[14] 13 ta' Lulju 2016.

F'dan il-kuntest, ma tistax ma ssirx referenza ghal dak li ntqal f'Vol IV[15] ta' "***Obligazioni***", fejn intqal hekk mill-**Giorgi** in materja tal-interpretazzjoni tal-kuntratti:-

*"Puo` accadere, che le parole del contratto siano equivoche od ambigue; ed in tale presupposto tutta l`arte dell`interprete deve rivolgersi a trascegliere il piu` plausibile fra i due significati. Escluderne uno col dimostrarne le inammissibilita`; includerne l`altro, perche` piu` probabile e da preferirsi; e la perfezione dell`ermeneutica si ragguiunge col riunire entrambi questi argomenti: giacche` in simile guisa la spiegazione del contratto rimane coartata al senso che si sostiene. Le regole piu` idonee per attuare questo metodo sono le seguenti. Chi fa un atto giuridico intende principalmente farlo valido ed efficace: percio`, se una clausola e` suscettiva di due sensi, deve spiegarsi piuttosto in quello che puo` avere qualche effetto, anziche` nell`altro che non ne avrebbe alcuno."* [sottolinejar tal-Qorti]

Fuq l-iskorta tal-premess, il-Qorti tqis li kieku kellha tigi applikata t-tifsira li jridu l-konvenuti, hija tkun qeghda taghti effett ghal sitwazzjoni guridika li ma tirrispekkjax l-istat ta' fatt ezistenti bejn il-partijiet, cioe` li l-attur kien ilu jahdem bil-coach LCY-935 sa mill-21 ta' Frar 2011 u kellu dritt jithallas ghal dan ix-xoghol sa mill-1 ta' Jnnar 2011. In effetti, m'huwiex kontestat li l-konvenuti kkonsenjaw il-coach in vendita lill-attur fil-21 ta' Frar 2011 id-data tal-iskrittura tal-weghda ta' bejgh u li l-attur beda jahdem bih minn dakinhar. Fil-fehma tal-Qorti huwa immaterjali l-fatt li t-trasferiment formali tal-proprjeta` tal-vettura gie registrat mal-awtoritajiet diversi xhur wara li l–pussess tal-coach kien gia` ghadda ghand l-attur, ghaliex jibqa' l-fatt li x-xoghol li kien assenjat lill-coach LCY-935 sew mill-Kopta Co kif ukoll mill-UBS, kien inhadem biss mill-attur u mhux mill-konvenuti. Jirrizulta wkoll mill-provi illi s-sehem mill-qligh pagabbli mill-UBS lill-coach LCY-935 ghas-sena 2011, huwa effettivament dovut mid-dhul iggenerat mix-xoghol assenjat mill-kooperattiva lil din il-vettura li, kif gia` stabbilit, ma kienetx ghadha operata mill-konvenuti f'dan il-perijodu izda mill-attur.

[15] P. 200.

Il-konvenuti jsostnu li peress li l-coach kienet ghadha tghajjat lilhom matul is-sena 2011, ghaliex it-trasferiment formali sar tliet xhur wara l-bejgh, ossia f'Jannar 2012, dan jintitolahom ghall-hlas tas-sehem mill-qligh generat mill-coach fl-istess sena 2011. Izda l-Qorti ma taqbilx. Bl-istess mod li l-attur inghata d-dritt li jithallas, u effettivament thallas, is-sehem spettanti lill-coach LCY-935 minghand il-Koptaco sa mill-1 ta' Jannar 2011, ma hemm xejn fil-konvenzjoni li jeskludi d-dritt li jithallas ghax-xoghol li nghata l-coach mill-UBS fl-istess perijodu, mehud qies ukoll tal-fatt li ebda wahda minn dawn iz-zewg kooperattivi ssemmew espressament b'isimhom proprju.

Billi d-dritt moghti lill-attur fil-klawsola numru 6, facilment jinftiehem li jkopri b'mod generali kull hlas spettanti lill-vettura inkluz ghalhekk il-hlas maghmul mill-UBS u percepit mill-konvenuti in kwantu ghax-xoghol imwettaq mill-coach LCY-935 fis-sena 2011, u tenut kont tal-generalita` li biha gie redatt l-obbligu kontrattwali tal-konvenuti fil-klawsola numru 6 riferibbilment ghall-hlasijiet percepiti "*mill-kooperattiva relattiva*", il-Qorti tqis li t-tezi tal-konvenuti kien ikun fattibbli biss kieku huma hadu hsieb jirrizervaw espressament id-dritt taghhom li jibqghu jippercepixxu l-hlas tal-qligh dovut mill-UBS.

Evidentement, il-fondament tal-obbligu tal-konvenuti ghall-hlas huwa l-istess irrispettivament mill-kooperattiva li effettivament tqassam ix-xoghol, u fil-fehma tal-Qorti l-konvenuti ma rnexxilhomx jiggustifikaw ghaliex kellhom jibqghu jippercepixxu l-hlas ghal kwalunkwe xoghol mahdum mill-attur b'vettura li, ghad li kienet ghadha registrata fuqhom, ma kienetx fil-pussess taghhom. Lanqas urew b'mod sodisfacjenti ghaliex ghandha ssir distinzjoni bejn il-hlasijiet dovuti mill-UBS u dawk dovuti mill-KoptaCo.

Izda fuq kollox, din il-fehma hija konfortata ulterjorment bil-fatt li jirrizulta li l-koperattiva KoptaCo. kienet diga` ilha thallas lill-atturi direttament fis-sena 2011

ghax-xoghol li sar bil-coach lilhom mibjugh, anke qabel gie konkluz il-ftehim tal-bejgh bejn il-partijiet[16]. Il-Qorti tifhem li ftit seta' kien hemm skop li l-konvenuti jintrabtu jghaddu lill-atturi l-hlasijiet dovuti ghas-sena 2011 li diga` kienu qed isiru lill-istess atturi mill-KoptaCo, jekk mhux ghaliex kien hemm hlasijiet li kienu ghadhom dovuti minn koperattivi ohrajn ghas-sena 2011.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti huma infondati u l-konvenuti huma obbligati, bis-sahha tal-patt kontrattwali tat-3 ta' Ottubru 2011, illi jhallsu lill-atturi kull hlas minnhom percepit mill-kooperattiva - inkluz mill-UBS - ghal xoghol maghmul mill-coach mibjugh lill-istess atturi wara l-1 ta' Jannar 2011.

Ikkunsidrat finalment;

Illi in kwantu ghall-ammont attwalment percepit mill-konvenuti minghand il-kooperattiva UBS mertu tat-talba attrici, jirrizulta mill-provi[17] li ghas-sena 2011 il-UBS hallset lill-konvenuti in kwantu ghall-coach LCY-935 is-somma komplessiva ta' disat elef sitt mija u sitta u sebghin Euro (€9,676).

Il-Qorti, mizmum ferm dak kollu fuq premess, tqis li dan l-ammont huwa dovut lill-attur bis-sahha tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet fil-ftehim tat-3 ta' Ottubru 2011, liema ftehim ma jhallix lok ghal ebda ekwivoku li kull pagament dovut minn xi koperattiva relattiva ghas-sidien tal-coaches, in kwantu ghall-coach LCY-935 wara l-1 ta' Jannar 2011, u irrispettivament minn min ikun is-sid registrat tal-istess vettura, huwa dovut lill-atturi.

---

[16] Ftehim datat 3 ta' Ottubru 2011. L-attur, fl-24 ta' Mejju 2016, xehed illi l-KoptaCo thallsu kull xahar ghax-xoghol li tqassam u li jinhadem minnu.

[17] Ara xhieda ta' Gilbert Grech fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2016.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tal-atturi hija gustifikata u ghandha tintlaqa'.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' t-talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-istess atturi s-somma ta' disat elef sitt mija u sitta u sebghin Ewro (€9,676) rapprezentanti l-ammont imhallas mill-Unscheduled Bus Service (UBS) lill-konvenuti rigwardanti xoghol li sar mill-atturi bil-coach bin-numru LCY-935 fis-sena 2011, bl-ispejjez kollha kif mitluba a kariku tal-istess konvenuti u bl-imghax mid-data tal-prezentata tar-Rikors promotur cioe` mit-12 ta' Frar 2016.

**Dr. Rachel Montebello**

**Magistrat**

**Annalise Spiteri**

**Deputat Registratur**